# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 629/97

Mark Schembri

vs

Kmandant Forzi Armati Malta u b' digriet tal-10 ta' Gunju 1999 Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta

Illum 14 ta' Novembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1992 huwa sofra ingustizzja f'li ma naghtax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Illi huwa ilu jahdem mal-Forzi Armati ta' Malta ghal dawn l-ahhar 21 sena u bhalissa ghandu r-Rank ta' Surgent. Matul dan il-perjodu qatt ma kellu rapporti kontra tieghu u dejjem ghamel xoghlu tajjeb.

Fl-1992 hargu l-promotions ghal Surgent u ghalkemm kellu l-qualifications necessarji u s-seniority xorta ma hadiex. Fil-lista tal-promotions izda kien hemm nies li la kellhom qualifications u lanqas seniority daqsu. Irid jghid li huwa ghandu l-1st class education u A2-Civil Engineering Draughtsman, B2- Driver u B3-Clerk. Huwa kien ghamel ukoll 3 snin course mal-Italian Military Mission of Technical co-operation draughtsman section of Malta u gie kwalifikat bhala Electrical Engineering Draughtsman u Civil Engineering Draughtsman. Sadanitant huwa kien qed jattendi kors ta' filghaxija u gab Diploma in Advanced Spoken and Written Italian mil-Istituto Italiano di Cultura Malta.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata kumpens xieraq biex jaghmel tajjeb ghat tlett

snin differenza fil-paga u jidhol lura fis-seniority kif suppost, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000 jew kif tiddeciedi li hu xieraq il-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:-

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi r-rikors, fl-istat li gie notifikat lilir-rikorrent huwa inammissibbli peress li m'huwiex akkumpanjat minn lista ta' xhieda fit-termini ta' l-Artikolu 7(2)(a) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u, stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif wkoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe', l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970, u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu, ma jammontax ghal prova li saret

xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita il-gurisdizzjoni tieghu u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimat li r-rikors, fl-istat li gie notifikat lir-rikorrent huwa inammissibbli peress li m'huwiex akkumpanjat minn lista ta' xhieda fit-termini ta' l-Artikolu 7(2)(a) ta' l-Att VIII ta' l-1997, dan it-Tribunal dejjem hass li awtomatikament ir-rikorrent u l-intimat [ jew rapprezentant tieghu fis-sens il-Manger / Principal tal-Human Resources ] huma inkluzi. In-nuqqas ta' indikazzjoni ta' xhieda ohra ma jwassalx ghan-nullita' tar-rikors izda ghall-fatt li wiehed ma jistax jipproduci

xhieda sakemm mhux a tenur tal-ligi. Ghaldaqstant jichad din l-eccezzjoni.

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li llum jokkupa l-kariga ta' Staff Sergeant mal-Forzi Armati ta' Malta. L-ilment tieghu hu fuq l-ezercizzju ta' promozzjonijiet li kien sar fil-Forzi Armati ta' Malta fis-sena 1992. Fis-sena 1992, meta sar dan il-promotion exercise, hu kien jokkupa l-kariga ta' Bumbardier. Attenda kors "full-time" ghall-perjodu ta' tliet snin mal-Missjoni Militari Taljana f'Malta sabiex minn dan il-kors iggradwa bhala "electrical engineering draughtsman' u "civil engineer".

Wara gie promoss ghall-grad ta' "Lance Bombardier" fis-sena 1979/1980. Qatt ma kellu problemi mas-superjuri tieghu. Kull sena kien isir "confidential report" mill-"officer commanding" u dejjem kien jigi rakkomandat. Semma li jappoggja l-Partit Laburista u li wara l-elezzjoni tal-1987 meta nbidel il-gvern u gie elett Gvern Nazzjonalista kien inghata 'transfer" " u ntbaghat jahdem bix-shift" bhala "Security". Wara li gie trasferit spicca jahdem bix-shift. Tax-shift ma tithallasx. Ma kienx talab hu biex jahdem bix-shift. In-numru ta` sieghat ta` xoghol bejn wiehed u iehor kienu l-istess.

Kien ilu hmistax il-sena fil-grad ta' bumbardier. Kienu gew promossi mill-grad ta' bumbardier ghall-grad ta' surgent membri, kemm mill-Ewwel Regiment u kif ukoll mit-Tieni Regiment, b'inqas "seniority" minnu u semma diversi nies. Meta inghataw il-

promozzjonijiet fl-1992, diga kien ghamel u ghadda mill-Cadre Course, kellu First Class Education, bhala kwalifiki kellu GCE fl-Ingliz mill-Universita' ta' Cambridge, Diploma in Advanced Spoken and Written Italian mill-Istituto Italiano di Cultura - Malta, kien ikkwalifikat bhala "Electrical Engineering Draughtsman" u "Civil Engineering Draughtsman" mill-kors imniedi mill-Missjoni Militari Taljana f'Malta; bhala Trades kellu A2 - Civil Engineering Draughtsman u B2 - Driver.

Lt. Col. Sansone semma li jaf lir-rikorrent u jiftakru fir-Regiment tieghu, is-Second Regiment, ibbazat Hal-Safi.  Hu kien jahdem mal-Motor Transport Section u kien jahdem ta' Bumbardier. Hu kien bniedem habrieki u ta' l-affari tieghu u kien bniedem responsabbli.  Ix-xoghol tieghu huwa above average.

Lt. Col. Cutajar semma li fl-1992 ir-rikorrent kien jaqa' tahtu. Xehed hekk: "Meta jiena kont rajt is-seniority u r-rakkomandazzjonijiet ohra li kien kelli nghid li Schembri fil-lista tieghi kien in-numru 13.  Saru l-ewwel 9 li jiena kont irrikmandajthom u saru tnejn minn nies li jiena qatt ma kont irrikmandajthom u ghalhekk ma kienux fuq il-lista tieghi. Promotions saru 11 mis-Second Regiment.  Lin-nies tkun tafhom il-mod li kont nahdem jiena u nikkonferma li l-pozizzjoni tar-rikorrent fil-fehema tieghi kienet tan-numru 13.

Lt. Col. Mario Schembri esebixxa zewg Confidential Reports wiehed ikopri mill-1 ta' Marzu 1989 sat-28 ta' Frar 1990 fejn ir-rikorrent gie graded bhala "well above the standard required of his rank and service" u rikmandat ghar-rank ta' Surgent bil-proviso li fiz-zmien tal-assessment huwa medically excused from physical training, parades u long standing minhabba li kellu xi injury f' irkobbtu. Huwa kien rikmandat ghall-promozzjoni provided li l-kundizzjoni medika tieghu tinbidel, minghand l-Officer Commanding tas-Security company ta' dak iz-zmien. Ir-rapport huwa endorsed minn Lt. Col. Sansone li kien il-Commanding Officer tat-Tieni Regiment.

Itr-tieni rapport huwa bejn l-1 ta' Jannar 1990 u t-28 ta' Frar 1991. F' dan ir-rapport gie graded wahda anqas mis-sena ta' qabel bhala above the standard required of his rank and service u rikmandat ghar-rank ta' Surgent. Ir-rapport li huwa pozittiv kien maghmul mill-O.C. Administration Company li kien il-Maggur Magrin. L-istess rapport huwa endorsed mis-C.O. tar-Regiment li huwa Lt. Col. Sansone.

Esebixxa l-iskeda ta' promozzjonijiet li saru b' effett mill-20 ta' Jannar 1990 fir-rank ta' Bumbardier li tieghu kien jaghmel parti r-rikorrent. Isem ir-rikorrent qieghed muri shaded bil-griz u b' hekk juru fejn kien jigi fil-pozizzjoni kieku ha l-promozzjoni dak in-nhar. Xehed: "Jirrizulta li kellu Class1 Education, kellu Trade A2 bhala Draughtsman, Civil Engineering, kif ukoll Driver B2 [fol 37].

B’ referenza ghal 6111 Bumbardier St. John u 6191 Bumbardier Cassar u li ghalihom kienu mhux rakkomandati. Huma l-ahhar tnejn fil-lista li saru minn dak ir-regiment.”

**KONKLUZZJONIJIET:**

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta’ Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

“Issa fil-fehma ta’ dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b’mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f’xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f’dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni).” [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Diversi drabi fl-evalwazzjoni tal-promozzjonijiet it-Tribunal qis il-kazi tal-Armata bhala Regiment ghar-rasu. Dan ghalkemm mhux principju li bil-fors japplika mija fil-mija huwa principju pjuttost stabbilit. Ir-rikorrent ilmenta dwar il-promozzjonijiet tal-1992 biex minn Lance Bombardier jilhaq Surgent. Saru tmienja li kienu senior tar-rikorrent u li erba’ minnhom kellhom biss 3rd Class ACE u tnejn

ohra b'2nd Class. Erba' qabzu lir-rikorrent li tlieta minnhom kellhom 1st Class bhalu waqt li wiehed kellu 2nd Class. Minn dawk li kellhom 1st Class bhalu, tnejn minnhom kellhom trades inferjuri waqt li wiehed superjuri.

Ir-rikorrent gie imfahhar ghal xogholu mnn Lt Col Sansone, mill-Maggur Magrin, u Lt Col Cutajar u deskritt bhala above average. Ghalhekk it-Tribunal ihoss li tiirizulta l-ingustizzja kif definita fl-Att VIII tal-1997 meta r-rikorrent ma hax il-promozzjoni.

Jichad l-eccezzjoni tal-intimat ghal dawn il-motivi, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Surgent b'effett mill-20 ta' Jannar, 1992 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.